**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 251/15 DMA**

**Lighthouse Communications Limited**
**C 21425**

**Vs**

**Mary Sevasta**
**ID 631156M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' elfejn, mija u sitt Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,106.24) oltre spejjez u imghaxijiet, rappresentanti prezz ta' servizz ta' reklamar mibjugha lill-konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx;

Minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjanti (ara kopja tal-ittra ufficjali datat 4 ta' Dicembru, 2014, annessa u mmarkata bhala Dok B);

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi (indikati fuq il-prospett anness u mmarkat Dok A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mill-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Il-konvenuta prezentat risposta datata 24 ta' April, 2015 fejn eccepiet illi l-esponenti tirrispingi, l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fl-ittra ufficcjali ta' l-4 ta' Dicembru, 2014, stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

L-esponenti tissottometti li din il-kawza hija wahda intempestiva stante t-tentattivi taghha sabiex tikkomunika mas-socjeta' attrici u tivverifika il-pretensjonijiet taghha.

L-esponenti tichad l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici ghar-ragunijiet li gejjin:

Ghalkemm l-esponenti ghamlet prenotazzjoni ghas-servizz tas-socjeta' attrici ghax-xahar ta' Marzu 2011, dan is-servizz ma nghatax kif kien miftiehem mis-socjeta' attrici. L-esponenti kienet ikkontestat dan is-servizz mas-socjeta' attrici permezz ta' skambju ta' posta eletronika (emails) li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A. Is-socjeta' attrici kellha taghmel survey fuq dan is-servizz u tinforma lill-esponenti bir-rizultat tieghu, haga li naqqset li taghmel eventwalment. Ghalhekk, ghalkemm kien hemm il-prenotazzjoni, l-esponenti m'ghandiex thallas ghal servizz li ma nghatatx.

L-esponenti ma ghamlet l-ebda prenotazzjoni ghas-servizz tas-socjeta' attrici f'Mejju 2012 u ghalhekk l-ammont tal-fatturi bin-numru 5576 ma huwiex dovut minnha lis-socjeta' attrici.

Il-procedura adoperata mis-socjeta' attrici dejjem kienet li tibghat rapprezentant taghha biex jigbor il-flus minghand il-klijent. Is-socjeta' attrici qatt ma harget ircevuti wara l-pagamenti izda r-rapprezentant gieli kien jiffirma fuq l-fattura tal-esponenti. L-esponenti tissottemti li dan kien il-kaz ghall-fatturi bin-numru 7496 tal-1 ta' Marzu 2014

u 8090 ta' l-1 ta' Gunju, 2013. Ghalhekk dawn l-ammonti m'humiex dovuti lis-socjeta' attrici peress li l-esponenti ga halset lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici bi flus kontanti meta dan gabarhom mis-salon ta' l-esponenti kif juru l-kopji tal-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok B.

Meta l-esponenti irceviet fattura minghand is-socjeta' attrici li hi ghandha taghti elfejn, mija u sitt Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,106.24), l-esponenti ppruvat tikkomunika mas-socjeta' esponenti biex tispjega li l-esponenti kienet diga ghamlet tali pagamenti. tali kommunikazzjoni l-esponenti ghamlitha permezz ta' ittri rregistrati li d-darbtejn regghu waslu lura ghand l-esponenti minhabba li s-socjeta' attrici ma haditx interess tmur tigborhom mill-ufficcju tal-posta fi zmien xahar kull darba, kif jidher mil-kopja ta' l-envelopi li fihom kien hemm din il-komunikazzjoni, hawn annessa u mmarkata bhala Dok C.

L-esponenti kienet dejjem tikkomunika mas-Sinjura Debbie Pisani mis-socjeta' attrici li kienet ittiha direttivi x'ghandha taghmel, lil minn ghandha tikteb u fuq liema indirizz ghandha tibghat l-ittri taghha.

Ghaldaqstant, ghal ragunijeit premessi, l-esponenti tissottometti li din l-azzjoni hija wahda intempestiva u nfondata fil-fatt u fid-dritt. Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Xehed Roderick Muscat Marrignur fejn spjega l-ammonti mitluba mill-kumpanija attrici li taghha direttur. Hu spjega illi ghamle xoghol ta reklamar fuq talba tal-konvenuta li tieghu baqa' ma thallasx.

Xehdet il-konvenuta li spjegat illi mill-erbgha ammonti li qed tintalab thallas l-ewwel reklam li jgib referenza 2711 kien reklam illi ma hassitx li hadet feedback minnu u ghalhekk assumiet illi r-referenza ma twassalx anki minhabba l-fatt illi la rceviet il-

magazine fid-dar taghha, la fis-salon u lanqas ghand ommha. Ghalhekk hasset illi ma kellhiex thallsu ghal dan ir-reklam. Fir-rigward tar-reklam li jgib referenza 5576 qalet illi ma tiftakarx. Mentri fir-rigward tal-ahhar zewg reklami l-konvenuta qalet illi hallset pero ma producietx ricevuta ffirmata minn xi impjegat tas-socjeta' attrici. Ipprezentat biss karti li fuqhom hi stes kitbet illi halset l-ammont. Din il-prova mhiex bizzejjed sabiex tipprova li l-hlas sar.

Fid-dawl ta' dawn il-provi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont mitlub huwa dovut peress illi ma ngibet ebda prova konkreta li dawn l-ammonti gew imhallsa jew li ma kellhomx jithallsu.

It-Tribunal ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta dwar l-intempestivita u dan anki minhabba l-fatt illi giet intavolata ittra ufficjali. Il-konvenuta resqet diversi ilmenti u ragunijiet ghalxiex ma ghandiex thallas l-ammont mitlub minghandha. Ma jregiex l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li ma kienetx kuntenta bis-servizzi tas-socjeta' attrici u imbaghad tibqa' tahdem maghhom ghal erbgha issues tal-magazine li kollha hemm problema fuqhom ghall-hlas.

Ghal dawn il-mottivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konevnuta thallas l-ammont ta' elfejn, mija u sitt Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,106.24) lis-socjeta' attrici u li taghhom ghandha tohrog ricevuta fiscali.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

Bl-imghax ghandu jithallas mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**